**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru.356/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard C .Spiteri)**

**Vs**

**Francine Cini**

Seduta tas-26 t'April, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Francine Cini, detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 886(G) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-30 ta' Marzu, 2017 għal ħabta tad-9:00hrs f'dawn il-ġżejjer:

1) Bil-ħsieb li ttellef il-ġieħ tal-Avukat Dottor Kevin Mompalao weġġħatu bi kliem , ġesti jew kitba;

2) Permezz ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika, immalafamat lil Dottor Kevin Mompalao jew għamlet użu ieħor mhux xieraq.

F'każ ta' ħtija il-Qorti kienet mitluba tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-24 ta' Lulju, 2017 li biha l-Qorti wara li rat l-Artikolu 252 (1) tal-Kapitolu 9 u l-Artikoli 49 (a) (b) (c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannaha multa ta' ħamest elef (€5,000) Ewro. Kif ukoll fit-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 rabtet lill-imputata b'garanzija personali fil-konfront ta' Dr Kevin Mompalao taħt penali ta' elfejn (€2,000) għal żmien sena mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Francine Cini, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fl-1 t'Awwissu, 2017 li bih talbet lil din il-Qorti jogħġobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet ħtija fit-tieni parti tat-tieni akkuża, fejn din hija naxxenti biss mill-artikolu 49 (c) tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta, tħassarha u tirrevokaha fil-bqija.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat

1. Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra, din il-Qorti tosserva li kwantu t-tieni imputazzjoni, l-appellanta kienet imputata b'zewg fatti alternattivi ghall-xulxin, igifieri b'dak ravvizat fis-subartikolu 49(b) u dak fis-subartikolu (c) tal-Kapitolu 399. Minkejja dan, l-ewwel Qorti sabet htija sia fl-artikolu 49(a), 49(b) u 49(c) tal-istess Kapitolu. Dan ifisser illi l-ewwel Qorti sabet htija sia dwar fatt mhux imputat kif ukoll dwar imputazzjoni alternattiva li minnha kellha tastjeni la darba sabet htija f'wahda minnhom. It-tieni imputazzjoni hi dwar malfama permezz ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika igifieri dak prospettat fl-artikolu 49(b) **jew** uzu iehor mhux xieraq ta' apparat ta' komunikazjzoni eletronika, dak ravvizat fl-artikolu 49(c). L-appellanta izda ma ressqet ebda gravam in rigward tal-imputazzjoni alternattiva;

2. Illi brevement rakkontati l-fatti ta' dan il-kaz, l-appellanta kienet baghtet messagg mit-telefon cellulari taghha lill-ex sieheb taghha Dominic Zammit wara li kienet accediet il-Qorti ghal-seduta li ma sehhitx minhabba li kien intalab differiment u kien milqugh mill-istess Qorti. Il-messagg, hawn riprodott, kien jitkellem dwar l-avukat difensur ta' Zammit li da parti tieghu urieh lill-istess avukat u ressaq kwerela kontra l-appellanta:-

*'Nitħassrek l-avukat ġiegħlek tiftaħ kawża li hu stess mhux jitla' għax ma jafx x'se jaqbad jgħid...għaliex ... għax jien hemm għandi nofs u ma jistax ikeċċini u liema maġistrat ser jitfa' t-tfal 'il barra...Qed tinduna x'avukat għandek hux...issa xi skuża ġab...sejjer xi weekend break jew; u ħa ngħidlek il-500 Ewro biex nirrispondiha jkollok toħroġhom int ta għax jien m'għandix flus x'naħli għidlu lil avukat.'*

3. L-ewwel Qorti sabet htija fl-appellanta sia fl-ewwel imputazzjoni kif ukoll fit-tieni imputazzjoni u dik alternattiva.

L-appellanta issa tillanja din is-sentenza bis-segwenti gravami: L-ewwel agravju jidher li hu dirett lejn is-sejbien ta' htija fl-ewwel imputazzjoni bil-gravam li l-kliem in mertu mhux wiehed ingurjuz. Fit-tieni aggravju tressaq l-argument illi ma kellhiex tinsab hatja taht l-artikolu 49(a) u 49(b) tal-Kap 399 u dan l-aggravju huwa maqsum f'zewg partijiet. Fl-ewwel lok tikritika s-sentenza fejn din sabet htija fl-artikolu 49(a) ghaliex il-fatti ma jinkwadrawx f'dak ravvizat f'dan is-subartikolu. Fit-tieni lok, il-messagg minnha mibghut ma jammontax ghall-malafama fit-termini tal-artikolu 49(b) tal-Kap 399. L-appellanta tidher li qed taccetta s-sentenza kwantu sejbien ta' htija fl-artikolu 49(c) izda tressaq raguni ghaliex ghamlet hekk u dan b'introduzzjoni ghall-ahhar aggravju li jirrigwarda l-piena li dwarha ressqet diversi argumenti izda naqset milli taghmel talba dwarha;

4. Illi ghalhekk dan l-appell jikkoncerna sia kwistjoni ta' fatti kif ukoll ta' ligi. Kif inhu ben assodat fis-sentenzi ta' din il-Qorti, id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti mghandiex tkun sostitwita f'dan l-istadju sakemm l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha. Sabiex ikun accertat dan, il-Qorti ezamint il-provi mressqa b'mod approfondit fejn jemergi illi il-kwerelant intwera il-messagg riprodott *supra* mill-klijent tieghu u l-appellanta tikkoncedi li dak huwa l-messagg li baghtet hi stess mit-telefon cellulari taghha lill-klijent tal-kwerelant. Dak li l-appellanta qed tikkontesta hu li l-messagg muhiex wiehed malafamanti;

5. Issa, kwantu l-ewwel imputazzjoni prospettata fl-artikolu 252 (1) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tosserva illi fil-mori tal-appell l-Att XI tal-2018 fl-artikolu 25 tieghu hassar dan l-artikolu tal-Kodici Kriminali minghjar rizervi. L-imputazzjoni turi illi l-allegati reati seħħew fit-30 ta' Marzu 2017. Is-

sentenza tal-ewwel Qorti ngħatat fl-24 ta' Lulju 2017 u ghalhekk it-thassir tal-artikolu 252(1) sehh wara l-ghoti tas-sentenza u wara li kien interpost l-appell odjern.

6. Skond il-Professur Sir Anthony Mamo 'Notes on Criminal Law' Part 1, taħt is-subtitolu (i) 'Limitations by time' a fol 32

*'The principle accepted in continental doctrine and practice which we follow in this matter, is that, if the law on which the charge is framed is repealed without any qualification while the proceedings are still pending, such proceedings fall to the ground and no sentence against the accused can be pronounced...... Modern writers.......contend that that the principle in question has a true juridical foundation. Their argument is that, rather than an exception to the rule of non-retroactivity with regard to the new law, the said principle is an affirmation with regard to the former law, of the other rule that a law cannot operate after its repeal. In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence.' ( Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali mog]tija fid-29 ta' Marzu, 2019 fl-ismijiet 'Il-Pulizija kontra Dr Paul Borg Olivier par.7 pagina 7).*

7. Dan il-kaz ghandu mhux *res judicata* u ghalhekk ghandu jkun applikat l-effett ta' thassir favur l-appellanta. Konsegwentement, l-fatt imputat lill-appellanta fl-ewwel imputazzjoni ex artikolu 252(1) Kap 9 mghadux aktar reat skond il-Kodici Kriminali u ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi biex tillibera lill-appellanta dwar din l-ewwel imputazzjoni;

8. Kwantu it-tieni imputazzjoni, tissokta l-osservazzjoni ta' din il-Qorti dwar is-sejbien ta' htija fl-artikolu 49(a) tal-Kap 399. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> *Kull minn permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika:-*
>
> *(a) Jhedded li jaghmel xi reat;*

Imkien mill-istesura tal-messagg riprodott *supra* ma hemm xi hjiel ta' theddida ta' reat tant li l-appellanta qatt ma kienet imputata b'tali fatt. Din il-Qorti mghandiex ghalfejn tinoltra aktar dwar dan il-punt u ghalhekk *marte proprio* ser tghaddi biex tirrevoka din il-parti tas-sentenza li biha sabet lill-appellanta hatja ta' ksur ta' dan l-artikolu;

9. Il-lanjanza tal-appellanta rigward it-tieni imputazzjoni, appartai dak appena konsiderat, hi dwar in-nuqqas tal-element malafamanti fil-messagg taghha. Dwar dan, izda, ukoll hemm kwistjonijiet ta' punti legali li wiehed minnhom ser ikun sollevat *ex officio* stante li hu ta' ordni pubbliku. Fl-ewwel lok, ir-reat ravvizat fis-subartikolu 49(b), jipprospetta, apparti theddida ta' akkuza jew ilment kontra persuna, mhux il-malafama per ser **<u>izda</u> it-theddida** tal-malafama permezz ta' apparat eletroniku "*bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga*". Mill-atti processwali ma jirrizulta ebda theddid ghall-iskop ravvizat f'dan is-subartikolu. L-

appellanta izda ma ressqet ebda ilment in rigward u l-argument taghha huwa dwar in-nuqqas tal-element malafamanti fil-messagg taghha. Dan izda mhux ser ikun konsiderat ghar-raguni li ser issegwi fil-konsiderazzjoni li jmiss;

10. Ventilat dan, u fi kwalunkwe kaz, hemm ukoll il-kwistjoni ta' natura legali naxxenti mill-emendi konsegwenzjali bl-introduzzjoni tal-fuq imsemmi Att XI tal-2018. L-artikolu 32 ta' dan l-att zied is-segwenti *proviso* fl-ahhar tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 399:

> "Izda semplici kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippublikati fuq *newtork* ta' komunikazzjoni elettronici jew appart u li jkunu jistghu jaghtu lok ghal azzjoni ghal malafama jew ingurja skond l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'ghandhomx jaghtu lok ghal reat taht dan l-Att"

11. B'dan il-*proviso* il-malafama mghadiex tikkostitwixxi reat u l-istess *proviso* dahal fis-sehh minghajr rizervi dwar azzjonijiet kriminali pendenti ghajr ghal-dawk maghmulha taht il-Ligi tal-Istampa kif hemm provdut. Issa, apparti il-kunsiderazzjonijiet maghmula dwar l-ewwel imputazzjoni ghar-rigward tal-artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali li jghoddu ukoll ghal kwistjoni in dizamina, tajjeb li ssir referenza ukoll ghas s-sentenza tas-17 ta' Settembru 2009 fil-każ 'Scoppola v Italy (No.2) (Grand Chamber) tal-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fejn il-Qorti rriteniet hekk:

> '106. The Court therefore concludes that since the *X v Germany* decision a consensus has gradually emerged in Europe and internationally around the view that application of a criminal law providing for a more lenient penalty, even

one enacted after the commission of the offence, has become a fundamental principle of criminal law.....

107. Moreover it observes that in prohibiting the imposition of 'a heavier penalty.....than the one that was applicable at the time of the criminal offence , paragraph 1 *in fine* of Article 7 does not exclude granting the accused the benefit of a more lenient sentence, prescribed by legislation subsequent to the offence.'

12. Igifieri, anke mill-aspett ta' piena, la darba l-fatti allegati mghadhomx jikkostitwixxu reat u huma soggetti ghall-proceduri civili li certament l-ezitu taghhom ma jistghax ikun ta' natura penali, isegwi li ma tistax aktar tinsab htija f'dan il-fatti anke jekk, *gratia argomenti*, l-malafama *per se* hija prosegwibbli taht is-subartikolu 49(b). Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex tillibera lill-appellanta minn din l-imputazzjoni;

13. L-ahhar aggravju tal-appellanta jirrigwarda l-piena kominata mill-ewwel Qorti dwar s-sejbien ta' htija tar-reat ravvizat fis-subartikolu 49(c) tal-Kap 9. Issa dan huwa prettament marbut mat-talba taghha ghar-riforma tas-sentenza appellata li biha talbet ukoll li tkun konfermata dik il-part taghha fejn sabitha hatja ta' dan ir-reat. Din il-Qorti tistqarr illi t-talbiet tal-appellanta huma xi ftit konfuzi tant illi anke l-abbli Avukat mill-Ufficcju tal-Avukat Generali irrelevat illi ma saret ebda talba ghar-riforma fil-piena anke jekk dan illum jista' jkun sanzjonat bis-sahha tal-artikolu 520 tal-Kodici Kriminali li jaghmel referenza ghall-artikolu 143 tal-Kapitolu 12;

14. Anke hawn, izda, hemm lok tal-applikazzjoni tal-principju tal-*jus superveniens* la darba din il-kwistjoni

ghadha mhix *res judicata*. Dan ghaliex il-*proviso* introdott bl-Att XI tal-2018 japplika ghall-artikolu 49 fl-intier tieghu igifieri ghat-tlett subartikoli kompriz, allura, is-subartikolu (c) tal-artikolu 49. Ghalhekk din il-Qorti, ghal-istess konsiderazzjonijiet maghmula *supra* kwantu l-ewwel u t-tieni imputazzjoni ma tistax tikkonferma s-sejbien ta' htija dwar fatt li mghadux jikkostitwixxi reat;

15. Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi minn dan l-appell billi thassar is-sentenza appellata u tillibera lill-appellanta minn kull htija u piena.

**IMHALLEF** **D/REGISTRATUR**